Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Att tal-Akkuza Nru. 3/2020

Ir-Repubbblika ta' Malta

Vs

Robert Rodenas

Illum 29 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Robert Rodenas prezentat fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn ipprepetta li:

'*Illi l- esponenti jinstab ghaddej proceduri quddiem dina l- Onorabbli Qorti rigward reati ta' natura sesswali;*

*Illi l- esponenti jbaghti minn diversi kundizzjonijiet ta' sahha mentali fosthom depression u anxiety;*

*Illi kemm fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u kif ukoll fis- seduta ta' nhar is- sebgha (7) ta' Lulju tas- sena elfejn u ghoxrin (2020), l- esponenti talab lil dina l- Onorabbli Qorti sabiex tinnomina espert psikjatriku sabiex jikkonstata fuq il- qaghda psikika tal-esponenti, inkluz izda mhux biss fil-perjodu li huwa ta l-istqarrijiet tieghu u/jew ghamel kwalsiasi dikjarazzjoni mal-pulizija;*

*Illi ghalkemm in atti hemm dokumentazzjoni ufficjali li tipprova l- kundizzjonijiet mentali tal-esponenti, l-eccezzjonijiet tal-esponenti inkluz izda mhux biss l- eccezzjonijiet numru hamsa (5) u sitta (6) jistghu jigu aktar spjegati u konfermati bil- hatra ta' espert psikjatriku sabiex jikkonstata fuq il- qaghda psikika tal-esponenti, inkluz izda mhux biss fil- perjodu li huwa ta l- istqarrijiet tieghu u/jew ghamel kwalsiasi dikjarazzjoni mal- pulizija, fejn f' tali cirkostanzi, il-kundizzjonijiet mentali li jbaghti minnhom l- esponenti kienu amplifikati u kif indikat fil- 5 u s- 6 eccezzjoni li jinsabu fin- nota tal- eccezzjonijiet tal- imputat, dan wassal ghal konkluzzjoni mill-ufficjali investigattivi li l- esponenti rrinunzja ghall- assistenza legali meta huwa effettivament u realment ma kienx ghamel hekk;*

*Illi l-kodici kriminali gie promulgat fis- sena elf, tmien mija u erbgha u hamsin (1854) u certament mhux dejjem jikkontempla ghall- izviluppi u r- realtajiet rinfaccati illum, partikolarment dawk fejn tidhol is- sahha mentali u diversi kundizzjonijiet li wiehed jista' jbaghti minnhom, li* ***mhux dejjem*** *jaghtu lok ghall-insanita' izda li jhallu l-effetti taghhom xorta wahda fuq il- process gudizzjarju;*

*Illi l-artikolu 436(3)(c), jghid is-segwenti:*

***(3) Imiss ukoll lill-qorti-***

***(ċ) li tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-liġi taħt piena ta' nullita', kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat tikxif tal-verita'.***

*Illi l- hatra ta' espert psikjatriku sabiex jikkonstata fuq il- qaghda psikika tal-esponenti, inkluz izda mhux biss fil-perjodu li huwa ta l- istqarrijiet tieghu u/jew ghamel kwalsiasi dikjarazzjoni mal-pulizija, u dana fil- kuntest tal- eccezzjonijiet imqajma mill-esponenti, hija essenzjali sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tistabilixxi l-verita tal-fatti u tiddeciedi fuq l-eccezzjonijiet imqajma mill- esponenti inkluz izda mhux biss l- eccezzjonijiet numru 5 u 6 li qajjem fin-nota tieghu, u dana in linea mal- artikolu 436(3)(c) tal- Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta;*

*GHALDAQSTANT L-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tahtar espert psikjatriku sabiex jikkonstata fuq il-qaghda psikika tal- esponenti, inkluz izda mhux biss fil-perjodu li huwa ta l- istqarrijiet tieghu u/jew ghamel kwalsiasi dikjarazzjoni mal- pulizija, fil-kuntest tal- eccezzjonijiet imqajma mill- esponenti, u dana taht dawk il- pattijiet u kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.'*

Illi din il-Qorti permezz tad-digriet datat 31 ta' Awwissu 2020 ordnat in-notifika tar-rikors lil Avukat Generali b'jumejn zmien ghar-risposta.

Illi l-Avukat Generali wiegeb ghar-rikors odjern fejn espona:

*'Illi l-esponent Avukat Generali gie nnotifikat bir-rikors ta' Robert Rodenas nhar il-31 ta' Awwissu, 2020 u dan biz-zmien ta' jumejn ghad-debita risposta;*

*Illi l-esponent jibda billi jaghmel referenza ghan-nota tal-eccezzjonijiet tar-rikorrent fejn eccepixxa li huwa rrinunzja ghad-dritt ta' assistenza legali, fost ohrajn, ghaliex huwa kien ibati minn depressjoni, obsessive compulsive disorder u ansjeta b'mod tali li huwa ma fehmex il-portata ta' dak li kien qieghed jghid u jaghmel. Bir-rispett kollu, jekk huwa minnu li r-rikorrent jbati minn tali kundizzjonijiet bl-intensita' li huwa stess qieghed jallega, tant li kwazi kwazi jfixxklulu l-lucidita' tieghu, l-esponent jistaqsi, il-ghala allura r-rikorrent ma ppruvax jistabilixxi din il-kundizzjoni minnu allegata tempestivament u cioe' ben tlett snin ilu ftit wara li huwa rrilaxxja tali stqarrijiet li issa qieghed jikkontesta?!*

*Illi l-hatra ta' espert f'dan l-istadju, filwaqt li tista' tistabbilixxi u/jew tikkonferma l-kundizzjonijiet psikjatrici li jbati bihom illum ir-rikorrent xorta wahda ma tistax titfa' dawl fuq il-kundizzjoni psikologika tar-rikorrent* ***<u>ben tlett snin ilu</u>*** *fil-mument meta ttiehdulu dawn l-istqarrijiet li issa huma suggett ta' kontestazzjoni. Ghalhekk, l-esponent umilment ihoss li jkun kemm xejn ezercizzju tardiv li jigi mahtur espert f'dan l-istadju u dan iwassal biss biex jigu mtawla l-proceduri ghalxejn.'*

Ghalhekk l-Avukat Generali oggezzjona ghat-talba tar-rikorrent.

Semghet lil partijiet jitrattaw ir-rikors tal-akkuzat fis-seduta tal- 1 ta' Settembru 2020.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-hames eccezzjoni (5) kontenuta fin-nota ta' eccezzjonijiet preliminari, l-akkuzat ecepixxa l-inammissibilita' taz-zewg recordings u traskrizzjoni tal-istess zewg recordings inkluz izda mhux biss DOK GA1 u DOK GA2 u l-istqarrijiet kollha tieghu inkluz l-ezami u t-twegibijiet tal-akkuzat Robert Rodenas u dana stante li dawn saru meta huwa ma kkonsultax ma' avukat qabel l-interrogatorju u ma kienx prezenti avukat waqt l-interrogatorju sabiex jassisti lill-akkuzat. Ghalhekk jitlob l-isfilz tal-istess mill-atti kif ukoll kwalsiasi referenza ta' kwalunkwe xhud ghall-istess zewg recordings u t-traskrizzjoni tal-istess zewg recordings u l-istqarrijiet kollha tieghu kemm dawk li nghataw verbalment u kif ukoll dawk maghmula jew ridotti bil-miktub, inkluz l-ezami u t-twegibiet tal-akkuzat.

Dan tqajjem abbazi ta' numru ta' ragunijiet fosthom li l-akkuzat jallega li mid-domandi li saru fl-interrogazzjoni ma rrizultax li ta' l-kunsens tieghu sabiex ma jikkonsultax ma' avukat tal-fiducja tieghu. Jaghmel anke referenza ghad-diversi kundizzjonijiet ta' sahha mentali li jbaghti minnhom u l-medicina li jiehu sal-lum il-gurnata.

Permezz tas-sitt (6) eccezzjoni huwa ecepixxa l-inammissibilita' tat-tieni interrogatorju/ezami, inkluz l-istqarrija, recording, u t-twegibiet kemm li nghataw verbalment u dawk maghmula jew ridotti bil-mtikub li ta t-tieni darba li huwa gie interrogat nhar is-7 ta' Settembru 2017 fejn apparti r-ragunijiet imsemmija fil-hames (5) eccezzjoni, jallega li ma nghatax id-dritt li jkun assistit minn rapprezentant legali tal-ghazla tieghu u lanqas li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, stqarrija, dikjarazzjonijiet u twegibijiet tieghu. Jallega li ma fehmx u lanqas effettivament irrinunzja ghad-dritt li jkun assistit minn avukat qabel jew waqt l-interrogatorju/ezami/risposti. Allega li ma giex imfakkar bid-dritt li jiehu parir legali qabel it-tieni recording/interrogatorju/ezami u twegibijiet/stqarrijiet tieghu u lanqas li seta' jkun assist minn Avukat tal-ghazla tieghu durante l-istess.

Skont l-akkuzat, meta huwa tenut kont tal-istat mentali tieghu wara x-shock tal-arrest flimkien mal-*clinical depression*, *anxiety* u *obsessive compulsive disorder*, ma giex imfakkar li huwa kellu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u li jkun assistit minn Avukat waqt it-tieni recording, interrogatorju, ezami u twegibiet, stqarrijiet tieghu inkluz izda mhux biss DOK GA 2 izda gie incidentalment imfakkar biss fid-dritt tieghu li ma jwegibx ghad-domandi, dawn il-fatti poggewh fil-pozizzjoni li kienu persuni suspettati qabel ma gew introdotti l-emendi fl-2010 u li ghalhekk jitlob li ghandhom jigu sfilzati mill-atti processwali ghax jallega li huma lezivi tad-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq u ma ghandhom l-ebda valur probatorju.

Illi mid-dokumentazzjoni prezentata man-nota ta' eccezzjonijiet preliminari, jirrizulta li l-akkuzat kien taht il-kura ta' psikjatra u li gie preskritt medicina. Dak li qieghed jitlob l-akkuzat f'dan ir-rikors huwa li din il-Qorti tahtar espert psikjatriku sabiex jikkonstata fuq il-qaghda psikika tal-akkuzat, inkluz izda mhux biss fil-perjodu li huwa ta l-istqarrijiet tieghu u/jew ghamel kwalsiasi dikjarazzjoni mal-pulizija, fil-kuntest tal-eccezzjonijiet imqajma mill-akkuzat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li jkun idoneu li qabel ma tiddeciedi l-eccezzjonijiet ennumerati hamsa (5) u sitta (6) u l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra u anke qabel ma tiddeciedi jekk jehtieg li jigi appuntat espert psikjatriku, tisma' lill-psikjatri kuranti prezenti u passati tal-akkuzat sabiex jixhdu dwar il-kundizzjoni mentali tal-akkuzat. Sussegwentement, din il-Qorti tiddeciedi jekk hemmx il-htiega li jinhatar espert psikjatriku.

Mid-dokumentazzjoni prezentata mill-akkuzat man-nota ta' eccezzjonijiet jirrizulta li l-Psikjatra li l-akkuzat kien jew ghadu taht il-kura tieghu huwa Dr Joseph Vella Baldacchino. Ghalhekk din il-Qorti sejra tordna li jitharrek Dr Joseph Vella Baldacchino sabiex jixhed dwar l-istat mentali tal-akkuzat kemm ilu taht il-kura tieghu. In oltre' din il-Qorti sejra tordna lill-akkuzat sabiex fi zmien jumejn (2) minn dan id-digriet, jindika jekk huwa kienx jew huwiex taht il-kura ta' psikjatra iehor.

Ghaldaqstant, f'dan l-istadju din il-Qorti qieghda tordna sabiex ghas-seduta li jmiss jitharrek Dr Joseph Vella Baldacchino sabiex jixhed dwar l-istat u l-kundizzjoni mentali tal-akkuzat. In oltre' din il-Qorti tordna lill-akkuzat sabiex fi zmien jumejn (2) minn dan id-digriet jindika permezz ta' nota jekk apparti Dr Joseph Vella Baldacchino, huwa kienx jew huwiex taht il-kura ta' psikjatra iehor u f'dak il-kaz jindika isem il-psikjatri.

Din il-Qorti tirriserva li tipprovdi ulterjorament dwar it-talba ghal hatra ta' espert psikjatriku aktar il-quddiem f'dawn il-proceduri.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur